# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Jannar 2016

**Kawza Numru : 18**

**Rikors Numru : 978/2010/JPG**

**Alfred Dalli l.D. Numru 636549M u Mary Grace mart l-istess Alfred Dalli l.D. Numru 250653M**

**VS**

**Theresa Camilleri, Carmelo Muscat f ismu proprio u f isem l-assenti Alfred Muscat, Joseph Bugeja, Grezzju Bugeja, Mark Bugeja, Emanuel Bugeja, Maria Grazia Bonavia, Carmena Attard, John Mary Scerri, Duminku Dalli f'ismu proprio u f'isem l-assenti Joseph Dalli, Victor Dalli u Grace Micallef**

**u b'digriet tal-24 t'Ottubru 2011, Mary Grech, Joseph Bonavia u Catherine Spiteri assumew l-atti minflok Maria Grazia Bonavia li mietet fil-mori tal-kawza**

**u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2016, gew kjamati in kawza:- Antonia Grech c/o Kuratur Deputat - Dr. Cutajar, Carmelo Bugeja, Antonio Bugeja,Mary Bugeja, Maria Grazia Bonavia nee' Bugeja, Duminku Dalli,Victor Dalli, Grace Micallef nee' Dalli, Joseph Dalli, Pawlu Lia, Grace Molloy nee' Dalli, Lela Hawkes nee' Dalli, Rita Pulis nee' Dalli, Garry Dalli, Mary Mugliett, Carmela Abela nee' Mugliett, Nina Azzopardi, Rita Chetcuti nee Mugliett, Nazzarena Muscat nee' Mugliett, Fransina Zammit nee' Mugliett, Anna Gerada nee' Mugliett, Carmel Mugliett, Virginia Cantlin nee' Dalli, Concetta Theuma**

**nee Dalli, Carmela Attard nee' Dalli, Dominca Spiteri nee' Scerri, John Scerri, Nina Callison Scerri,Nazzarena Bugeja, Mary Camilleri nee Bugeja, Anthony Portelli, Emanule Portelli, Grace Mercieca nee' Portelli, France Portelli, Joseph Portelli, Doris Portelli, Alfred Portelli, Rose Busuttil, Grace Vassallo nee' Busuttil, Joseph Vassallo, Anna Mercieca nee' Vassallo, Evlyn Vassallo, Mary Moore, Emanuel Vassallo, Maria Carmena Bonavia, Pawlu Dalli, Nazzareno Dalli, Emanuel Dalli, France Grixti, Therese Camilleri, Joseph Vella, Carmelo Muscat, Salvina Spiteri, Mary Dalli, Joe Bugeja,Leli Bugeja,Mary Handly, Carmen Pace, Mary Demicoli, Joe Bugeja, Anthony Bugeja, Alfred Bugeja, Grezzju Bugeja, Michael Bugeja, Charles Bugeja, Manuel Bugeja u Marco Bugeja**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Alfred u Mary Grace konjugi Dalli tat-28 ta' Settembru 2010 li jaqra hekk:

*"**Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza***

1. *Illi huma proprjetarji ta' zewg porzjonijiet divizi mill-ghalqa maghrufa 'Tax-Xewk' kontrada ta' San Anard fil-limiti ta' Haz-Zabbar, wahda tal-kejl ta'tomna (T1) u l-ohra tal-kejl ta'tomna siegh u seba' kejliet (T1 - 1 -7),li huma akkwistaw minghand Grazio Magro bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tat-18 ta'Frar 1980, iz-zewg porzjonijiet divizi huma identifikati rispettivament bhala porzjoni 'A' u porzjoni 'C' fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt. Kopia legali ta'tali att u pjanta, huma hawn annessi bhala dokument'A'.*

2. *Illi l-konvenuti qed jippretendu minghajr ebda jedd li l-proprjeta' akkwistata mill-atturi kif premess, tappartjeni lilhom, tant li bl-atti tas-Subbasta Numru 164/2004 fl-ismijiet 'Theresa mart Carmelo Camilleri et vs Maria Grazia Bonavia et' l-istess konvenuti qed jitolbu li dawn iz-zewg porzjonijiet divizi ta' art jinbieghu in licitazzjoni, flimkien ma diversi immobili ohra. Tali bejgh in*

*licitazzjoni qed jintalab mill-konvenuti wara s-sentenza pronuncjata minn din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Dicembru 2003 wara c-Citaz. Nru. 10/44.*

3. *Illi in verita' pero' l-atturi huma il-legittimi proprjetarji taz-zewg pozjonijiet divizi ta' art li huma akkwistaw bil-precitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tat-18 ta'Frar 1980, dejjem iddentenew l-istess art animo domini, u konsegwentement id-dritt ta' proprjeta' vantat mill-konvenuti fuq l-istess zewg porzjonijiet divizi ta' art, jikkostitwixxi vjolazzjoni gravi tad-drittijiet patrimonjali tal-atturi;*

4. *L-atturi esponenti jafu personalment il-fatti kollha hawn fuq dikjarati minnhom*

***Raguni tat-talba***

1. *Illi kif appena fuq premess, ghar-ragunijiet fuq indikati, l-atturi jridu jottjenu dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li z-zewg porzjonijiet divizi mill-ghalqa maghrufa 'Tax-Xewk' kontrada ta' San Anard fil-limiti ta' Haz-Zabbar, wahda tal-kejl ta' tomna (T1) u l-ohra tal-kejl ta' tomna siegh u seba' kejlijiet (T1 -1-7) li huma akkwistaw minghand Grazio Magro bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tat-18 ta' Frar 1980, iz-zewg porzjonijiet divizi huma identifikati rispettivament bhala porzjon 'A' u pozjoni 'C', huma di proprjeta' legittima u esklussiva taghhom.*

***Talbiet***

*Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess atturi huma l-proprjetarji legittimi u esklussivi taz-zewg porzjonijiet divizi mill-ghalqa maghrufa 'Tax-Xewk' kontrada ta' San Anard fil-limiti ta' Haz-Zabbar, wahda tal-kejl ta' tomna (T1) u l-ohra tal-kejl ta' tomna siegh u seba' kejliet (T1 - 1- 7),li huma akkwistaw minghand Grazio Magro bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo*

*Vella tat-18 ta' Frar 1980 u identifikati fl-istess kuntratt u fil-pjanta hemm annessa bhala porzjoni 'A' u porzjoni 'C'.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma min issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom, u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Therese Camilleri u Carmelo Muscat tal-1 ta' Novembru 2010 (a fol. 17 et seq) li taqra hekk:

1. *Fl-ewwel lok u preliminarjament illi l-gudizzju mhuwiex integru, u ghalhekk ghandhom jissejhu fil-kawza il-partijiet kollha partecipi fil-proceduri bin-numri 10/44 fil-kwalita' taghhom ta' co-licitanti;*

2. *Fit-tieni lok, it-talba attrici ma hijiex proponibbli f'din l-istanza stante illi peress illi l-atturi kienu parti fil-proceduri li taw lok ghas-sentenza li permezz taghha gie ordnat il-bejgh in licitazzjoni ta' l-art tant illi anke pprezentaw rikors f'dawk l-istess proceduri, liema proceduri ghaddew ingudikat, l-istess sentenza taghmel stat fil-konfront ta' l-atturi u ghalhekk hija wahda finali u ezegwibbli, u l-fatt illi la l-awturi ta' l-atturi u lanqas l-atturi ma ressqu l-ebda pretensjoni f'dawk il-proceduri jew fil-mori taghhom ghandu jitqies bhala ammissjoni minnha nnifisha illi l-propjeta' indikata kienet propjeta' komuni tal-partijiet f'dik il-kawza u mhux esklussivament ta' l-atturi;*

3. *Fit-tielet lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-atturi ma humiex il-propjetarji eskussivi ta' l-art in kwistjoni tant illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ordnat il-bejgh in licitazzjoni ta' l-istess propjeta' immobiljari, liema art fil-mori tal-proceduri fl-ismijiet bin-numru 10/44 deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar il-10 ta' Dicembru 2003 jirrizulta li kienet propjeta' komuni tal-konvenuti u ta' l-atturi jew l-awturi taghhom li kienu parti fl-istess proceduri;*

4. *Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-atturi jenthiegilhom jipprovaw it-titolu taghhom;*

5. *Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-eccipjenti ma' ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri in kwantu t-talba ghal-bejgh in licitazzioni issegwi l-ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ghal bejgh ta' l-istess propjeta';*

6. *Salv Eccezzjonijiet Ulterjuri."*

Rat in-nota tal-konvenuti tal-4 ta' Dicembru 2015, (a fol. 83) li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici;

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 2016 illi permezz ta' rikors l-avukat tal-konvenuti intavola talba ghall-kjamati in kawza tal-persuni kollha kif indikati fl-atti tal-kawza li qed timxi ma dawn il-proceduri u cioe 979/2010JPG u skond il-korrezzjonijiet mitluba f'dawk il-proceduri;

Rat ukoll li Dr Grech mhux jopponi ghal tali talba;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti li bih laqghet it-talba ghall-kjamati in kawza, tal-persuni kollha indikati fil-procedura 979/2010JPG bid-digriet tal-15 t'April 2013 kif korretti bid-digriet taghha tal-14 ta' Jannar 2016 ;

Rat il-verbal tal-istess gurnata li permezz tieghu Dr Carm Mifsud Bonnici ta ruhu notifikat bl-atti procedurali ghan-nom tal-kjamati in kawza, u li rega tenna l-ammissjoni tal-konvenuti u tal-kjamati in kawza illi kien ghamel fl-4 ta' Dicembru, 2015, (vide fol 83) ghajr ghal dawk il-kjamati msemmija fin-nota ta' Dr Lanfranco li tinsab a fol 61;

Rat il-verbal tal-avukati difensuri tal-partijiet li permezz tieghu awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi skond il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2013, Dr. Lanfranco ghall kjamati in kawza Joseph Vassallo, Anna Mercieca, Mary Moore, Grace Mifsud, Emanuel sive Lino Vassallo, Emanuel Portelli u Francis Portelli ddikkjara illi dawn il-kjamati ma kellhom "ebda tip ta' interess fl-ezitu tal-kawza" u talab li l-istess kjamati jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju (Vide fol. 59 u permezz ta' nota tal-14 ta' Novembru 2013 a fol. 61).

Din il-Qorti taghraf illi din in-nota ma hijiex risposta guramentata, u l-kontenut taghha mhuwiex mahluf. Rinfaccati b'drittijiet fuq immobbli, certament mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti ghandha tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti taghraf illi l-kjamati fuq indikati huma kontumaci.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni.

Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech deciz fit-**22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per **Onor. Imhallef Philip Sciberras:**

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**., Appell, **27 ta' Marzu, 1996** inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> > ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
> >
> > ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-**7 ta' Ottubru, 1997**.

Il-Qorti tqis illi l-kjamati in kawza fuq indikati ma ressqu ebda sottomissjonijiet ulterjuri u naqqsu li jidhru ghas-seduti sussegwenti.

Il-Qorti rat illi l-konvenuti u l-kjamati in kawza l-ohra ammettew t-talbiet attrici minghajr kondizzjoni – Vide nota t'ammissjoni a fol. 83 tal-process u l-ammissjoni fil-verbal tal-14 ta' Jannar 2016 wara li saru l-korrezzjonijiet mitluba.

Il-Qorti rat il-verbal tal-atturi tal-4 ta' Dicembru 2015 li biha qablu li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-mottivi, u in vista tal-kontumacja tal-kjamati in kawza indikati a fol. 61 tal-process u invista tal-ammissjoni tal-konvenuti u rimanenti kjamati in kawza il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess atturi huma l-proprjetarji legittimi u esklussivi taz-zewg porzjonijiet divizi mill-ghalqa maghrufa 'Tax-Xewk' kontrada ta' San Anard fil-limiti ta' Haz-Zabbar, wahda tal-kejl ta’ tomna (T1) u l-ohra tal-kejl ta' tomna, siegh u seba' kejliet (T1 - 1- 7),li huma akkwistaw minghand Grazio Magro bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tat-18 ta' Frar 1980 u identifikati fl-istess kuntratt u fil-pjanta hemm annessa bhala porzjoni 'A' u porzjoni 'C'.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**